# FIL-QORTI ĊIVILI – PRIM AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, il-Ġimgħa 23 ta' Mejju 2025

**Rikors Nru: 965/2021 ISB**

**The Performing Rights Society Limited**

**VS**

**Grand Hotel Excelsior Limited et**

Il-Qorti:

Rat il-verbal u t-talba magħmula mid-difensur tal-intimati waqt l-udjenza tat-12 ta' Frar 2025 :

> *L-Av. Dingli jerga' jagħmel referenza għar-rikors tal-isfilz presentat mis-soċjetajiet intimate fit-23 ta' Marzu 2023 u kif ukoll għad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat-3 ta' Lulju 2023 dwar l-imsemmi rikors. Jitlob illi din l-Onorabbli Qorti terga' tikkunsidra l-posizzjoni sia dwar id-dokumenti ppresentati mis-soċjeta' rikorrenti fis-seduta tas-16 ta' Frar 2024 kif ukoll fir-rigward tad-dokumenti*

*ppresentati fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2024 u dan billi l-posizzjoni li tieħu l-Qorti fir-rigward ta' dawk id-dokumenti jkollu effett fuq il-provi illi se mai ikollhom jressqu s-soċjetajiet intimate. Għal kull buon fini jerga' jigi sottomess illi d-dokumenti in kwistjoni manifestament jirrelataw għal inċidenti ta' allegat ksur ta' drittijiet tal-awtur li avveraw ruhom allegatament fil-11 ta' Novembru 2022 u għalhekk carament fil-mori tal-kawza li giet ipprezentata fid-29 ta' Settembru 2021, u għalhekk min jallega ksur irid jipprova illi l-ksur allegat avvera ruhu qabel ma nfethu il-proċeduri relatati.*

Rat ir-risposta tas-soċjeta' rikorrenti tal-25 ta' Frar 2025 li tagħmel referenza, a skans ta' ripetizzjoni, għall-atti relattivi għad-digriet ta' din il-Qorti stess tat-3 ta' Lulju 2023 u jirreferu għat-talbiet fir-rikors promotur li jikkontendu illi numru minnhom "*mhumiex limitati għal xi perjodu speċifiku izda huma ta' natura dikjaratorja li jwasslu għal dikjarazzjoni ta' ksur, kif ukoll danni jekk ikun il-kaz, fir-rigward ta' ksur kontinwu ta' drittijiet tal-awtur, li għadu għaddej sal-ġurnata tal-llum ,,,,*".

Is-soċjeta' rikorrenti tikkontendi illi hemm dokumenti esebiti li "*juru l-ksur ta' drittijiet li għadu għaddej b'mod flagranti mill-intimati jew min minnhom*", u oħrajn relattivi għal arranġamenti kontrattwali tar-rikorrenti li jibqgħu rilevanti u l-provi mressqa li juru illi l-ksur kien qabel il-ftuħ tal-kawża u ppersista anke wara l-ftuħ tal-kawża ma humiex provi inammissibbli.

## Ikkunsidrat:

Illi b'nota tat-12 ta' Frar 2025, is-soċjetajiet intimati ddikjaraw il-pożizzjoni tagħhom in kwantu oġġezzjonaw għall-preżentata tad-dokumenti annessi mar-rikors tas-soċjeta' rikorrenti tal-15 ta' Novembru 2024. Fl-istess nota jingħad illi dawk id-dokumenti huma dupplikazzjoni ta' dokumenti ġja ppreżentati fis-seduta tas-16 ta' Frar 2024, għal-liema s-soċjetajiet intimati ġja kienu oġġezzjonaw.

Filwaqt illi s-soċjetajiet intimati jirreferu għad-digriet tal-Qorti tat-3 ta' Lulju 2023, b'danakollu jibqgħu jinsistu illi tali provi huma inammissibbli bħala prova in kwantu illi jirreferu għall-allegat inċidenti wara l-ftuħ tal-kawża u għalhekk qegħdin jinsistu għall-isfilz tagħhom.

## Ikkunsidrat Ulterjorment:

Illi l-materja llum sollevata ġja ġiet trattata u deċiża bid-digriet ta' din il-Qorti tat-3 ta' Lulju 2023, imma b'daqshekk ma jfissirx illi din il-Qorti ma għandhiex tirrikunsidra l-pożizzjoni tagħha sabiex tara jekk għandhiex tikkonfermaha jew tbiddilha, una volta illi qed issir talba f'dan is-sens. U dan qed jingħad peress illi d-digriet msemmi huwa wieħed interlokutorju, kien hawn talba għal dan il-għan u l-Qorti tifhem illi din l-aħħar talba qed issir sabiex is-soċjetajiet intimati jgħarrfu jirregolaw ruħhom aħjar fil-provi illi għandhom iressqu.

Il-Qorti tirreferi għad-digriet ben spjegattiv u motivat ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża 777/2021CFS fl-ismijiet **Alfred Schwab vs Mr Green Limited** tas-6 ta' Mejju 2022, fejn intqal hekk:

> *18. Illi l-liġi tagħna ma tagħtix tifsira ta' digriet interlokutorju, madankollu huwa miżmum fil-ġurisprudenza li digrieti interlokutorji huma dawk li non terminat negotium principale, sed aliam post se expectat sententiam – li maqlub għal Malti jfisser dawk id-digrieti li ma jaqtgħux l-kwistjoni ewlenija peress li wara dak id-digriet ikun mistenni li trid tingħata sentenza (ara* ***Tabib Joseph Grech v. Mary Grech*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fl-20 ta' April, 1989);*
>
> *19. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni* ***Paul Tanti pro et noe et v. Sammy Tanti pro et noe*** *tad-19 ta' Novembru, 2001, digriet interlokutorju huwa mfisser bħala, «i provvedimenti riguardanti l'istruzione della causa nella procedura, che sogliono chiamarsi preparatorie" e quelle che regolano o determinano le prove relative al merito sotto giudizio, e che "chiamarsi ordinatorie"»;*
>
> *20. Jiġi b'hekk, li digrieti interlokutorji huma dawk li ġeneralment jipprovdu dwar episodju jew aspett proċedurali matul il-kawża, li jħallu però t-tilwima ta' bejn il-partijiet miftuħa, sewwasew għaliex il-kwistjoni ta' bejn il-partijiet tkun għadha ma spiċċatx (ara Joseph Attard et v. Mario Attard et deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 2018);*

Illi bid-digriet tagħha tat-3 ta' Lulju 2023, din il-Qorti kienet għamlet referenza għall-Artikoli 558 et seq tal-KAP 12 u kif ukoll għal espressjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża **Maria Camilleri vs All**

**Invest Company Limited et** – u filwaqt illi tosserva illi s-soċjetajiet intimati ressqu talba sabiex il-Qorti tirrikonsidra l-pożizzjoni tagħha, b'dana kollu ma ressqu ebda raġunijiet ġodda għaliex dan għandu jsir.

Illi dan imur biex ifisser illi ma hemm xejn ġdid illi l-Qorti tħoss illi għandu jwassalha sabiex tirrikonsidra u tbiddel il-pożizzjoni minnha ġja meħuda fejn abbraċċjat l-insenjament hemmhekk ikkwotat.

Tfakkar biss lill-partijiet f'dak illi ġja qalet il-Qorti, cioe', illi anke jekk meqjusa f'dan l-istadju provi ammissibbli, jekk jitqiesux rilevanti o meno sabiex isir il-ġudizzju finali - u allura sabiex il-Qorti tiddeċiedi t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti fil-kuntest anke tar-risposta tas-soċjetajiet intimati u fl-isfond tal-provi kollha li jridu jitressqu u s-sottomissjonijiet illi għad iridu jsiru - dak isir fis-sentenza finali. U għalhekk, minkejja l-ammissibilita' tal-provi mertu ta' din it-talba, dan ma jfissirx neċessarjament illi l-Qorti ser tieħu kont tagħhom fid-determinazzjoni tal-kawża li għandha quddiemha, u l-Qorti tistieden lill-intimati sabiex iressqu l-aħjar provi illi jidhrilhom (u li l-Qorti tippermetti) li huma rilevanti għat-talbiet u l-eċċezzjonijiet fid-dawl anke tas-sottomissjonijiet legali li għad iridu jagħmlu.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti wara illi għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha kif hawn fuq imsemmija, qed tgħaddi biex **tiċħad** it-talba tas-soċjetajiet intimati.

**Digriet mogħti fil-miftuħ illum il-Ġimgħa 23 ta' Mejju 2025.**

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**